**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 114 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**Vs**

**Grace Gatt**

Illum, 13 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Grace Gatt, detentrici tal-karta tal-identita, bin-numru 34568G akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fix-xahar ta` Novembru 2007 u fix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer jew/u f'xi bnadijiet ohra f'Malta f'hinijiet differenti, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bil-qerq hloqt jew geghelt li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, hdimt bhala agenzija ta' gwardjani privati jew gwardjan privat jew hekk offrejt is-servizzi tieghek minghajr licenzja skond il-ligi;

3. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, assocjajt ruhek ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta u cioe ma Jonathan Mulligan bil-ghan li taghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

4. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ezercitajt funzjoni pubblika minghajr ma kellek jedd ghaliha u ezercitajt xi att ta' dik il-funzjoni u cioe ippuzajt bhala rapprezentant ta' l-Awtorita tad-Djar;

5. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament fil-Kodici Kriminali jew f'xi ligi ohra ghamilt xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;

6. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, irrendejt ruhhek komplici flimkien ma Jonathan Mulligan fejn xewwixt jew inkella sahhejt il-volonta ta' Jonathan Mulligan sabiex jaghmel delitt jew weghedet li wara l-fatt kont ser tassistih jew tieqaf mieghu;

F'kaz ta' sejbien ta' htija l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli zzomm jew tikseb xi licenzja jew permess jew awtorità ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorità pubblika ohra biex il-persuna misjuba hekk hatja tkun tista tezercita l-funzjoni ta' gwardjan privat jew Agenzija li tipprovdi s-servizzi ta' gwardjani privati jew lokali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 42(A)(E), 43, 44, 45, 46, 47, 48, 48A, 84, 110(1), 338(GG) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(B) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet u iddikjarat lill-imputata Grace Gatt mhux hatja tal-imputazzjonijiet bin-numri (1), (3) u (6), u minnhom illiberata skond il-ligi; izda sabitha u iddikjarata hatja tal-imputazzjonijiet

bin-numri (2), (4), u (5) u ikkundannata komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` hames (5) xhur sospizi ghall-sentejn bis-sahha ta` l-Artikolu 28 a tal-Kap 9 u ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` €1,500.

Rat ir-rikors tal-appellanta Grace Gatt minnha pprezentat fit-22 ta' Lulju, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti filwaqt li joghobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx htija u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji huma car u manifesti u jikkonsistu f'dan li gej :-

**(1) dwar l-akkuza li ghamlitha ta' gwardjan privat ecc**

L-ewwel Onorabbli qalet li kienet se timxi fedelment mas-sentenza vs Johnathan Mulligan ta-2 ta' Novembru, 2012. Dan ma kinex fil-fatt.

F'dik is-sentenza L-Qorti tal-Magistrati kienet qalet li ma kien hemm l-ebda attivita` ta' investigazzjoni fl-operat tal-affidavits ecc. Allahares kien hekk ghax meta Commssioner for Oaths jibda' jaqdi dmiru jkun irid licenzja extra minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Imma l-aktar punt important huwa li l-Artiklu 5 tal-Kap 389 jimponi l-obbligu fuq min **ihaddem u mhux fuq min jahdem.** Mhux kull impjegat tal-agenzija ta' investigazzjoni privata ghandu bzonn licenzja imma dak li l-employer jibghat biex jaghmel xoghol ta'gwardjan privat.

Ghalhekk f'dan il-kaz Jonathan Mulligan jew kull employer iehor seta' jinstab hati, imma mhux kull impjegat. Allura driver tal-private detective jrid il-licenzja mhux tas-sewqan imma ta' gwardjan privat? L-artiklu 5 huwa car.

Ma kien hemm xejn fl-istorja kollha li jikkwalifika bhala xoghol jew servizz ta' gwardjan privat kif definit fil-kap 389.

**(2) Dwar l-akkuza tal-usurpazzjoni tal-funzjoni pubblika.**

L-Avukat Generali kkwota l-artiklu 84 tal-Kodici Kriminali, li jekk wiehed jara l-isem tas-subtitlu tieghu bl-Ingliz isib "Usurpation of Public Authority". Dan qed jissemma ghax se ssir riferenza ghall-gurisprudenza ricenti tal-Kassazzjoni Taljana fuq l-Artikl 347 tal-Kodici taghhom, li jaqbel ma' taghna u fil-fatt huwa l-fonti tal-artiklu taghna.

Dan ir-reat fih zewg elementi u mhux bizzejjed li jkun hemm wiehed biss. L-ewwel irid ikun hemm l-assunzjoni abusiva ta' poter u t-tieni t-twettiq ta' att ta' dak il-poter. L-assunzjoni abusiva tal-poter ma tridx tkun mera gidba jew ftahir, imma assunzjoni tal-funzjonijiet. U fil-maggoranza tal-kazi jkun hemm ukoll l-marki ta' identifikazzjoni tal-ufficcju, mill-ispalletti tal-marixxall tal-qorti, ghall-beritta tal-warden, ghat-toga bil-galluni tad-deheb tal-imhallef. Imma ma jfissirx li ghax wiehed jirrecta u jilbes uniformi tal-pulizija, ikun qed jassumi l-poteri u jesercita l-funzjoni ta' pulizija.

Rilevanti dak li qalet il-Kassazzjoni Taljan f'dan ir-rigward, li jixbah hafna l-kaz odjern:

**Cass. pen. n. 13138/2001**
La condotta consistente nel richiedere informazioni riservate sul conto di una persona non integra il reato di usurpazione delle funzioni pubbliche (art. 347 c.p.), il quale presuppone che l'atto arbitrariamente compiuto dall'autore del fatto inerisca a una funzione o a un impiego pubblici, nei quali non rientra il comportamento sopra menzionato. (In applicazione di tale principio la Corte ha annnullato senza rinvio la sentenza di condanna di un soggetto che, esibendo un tesserino del Ministero dell'interno e riferendo falsamente di essere in servizio presso la Polizia di Stato, aveva chiesto informazioni riservate sul conto di una persona).
*(Cassazione penale, Sez. VI, sentenza n. 13138 del 2 aprile 2001*

Fil-kaz appena citat, l-akkuzat kien sahansitra wera tessera tal-Pulizija, haga li hawn ma kienx hawn u cioe` konferma ta' taparsi poter li kellha l-appellanti.

L-anqas ma kien hemm xhieda li tghid x'inhuma l-funzjonijiet ta' ufficjal tal-Housing Authority u meta xehdet Carmen Azzopardi ghall-Awtorita` (fol 50) qalet biss li ma kenitx impjegata mal-Awtorita`.

Dan mhux bizzejjed biex jikkonfigura r-reat. Ghalhekk dik is-sentenza tal-Kassazzjoni Taljana hi rilevanti.

Jigi ribadit li Jekk qed jirreferu ghall-Awtorita` tad-Djar, dik mhix l-istat. Din ghandha personalita` gurdika distinta, Qed issir riferenza ghall-Kap 261 tal-Ligijiet ta' Malta, "Housing Authority Act".

**(3) L-akkuza tal-htiega ta' licenzja. Art 338GG Kod Krim.**

Din l-akkuza hija preskritta bit-trapass ta' tlett xhur. Bizzejjed wiehed jara l-fatti u d-data taghhom u meta nfetah il-kaz kontra l-esponenti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. L-**Ispettur Raymond Aquilina**[1] spjega kif fil- 15 ta' Novembru 2007 kien ircieva telefonata minn certu ex pulizija Grace Gatt li qaltlu li qed titkellem ghan-nom ta' Jonathan Mulligan li huwa private investigator u li ghandu kumpanija li jisimha Malta Personal Services Ltd. Infurmatu li kellha f'idejha tlett affidavits maghmulin minn *Omissis*, *Omissis* u *Omissis*. Spjegat li kienu jikkoncernaw kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs *Omissis*'**;

2. **L-Ispettur Jesmond J Borg**[2] spjega kif fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug kienu gew tifla *Omissis* ma ommha u ma certu Jonathan Mulligan u fejn *Omissis* kienet l-ewwel allegat li kienet abbuzata sesswalment minghand certu *Omissis*, sussegwentement

[1] Fix-xhieda tieghu tas-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009)
[2] Fix-xhieda tat-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009)

qalet li *Omissis* kien involut f'rapporti sesswali ma minuri bl-isem ta' *Omissis*. Wara li taghha l-caution *Omissis* bdiet tmur lura mir-rapport u qalet li mhux darba u tnejn kellha relazzjoni ma' *Omissis* izda bil-kunsens taghha ghalkemm gieli sawwatha. Qalet li Jonathan Mulligan hu private investigator li kien qabdu *Omissis* li jigi hu *Omissis*;

3. Kienu saru tfittxijiet fir-residenzi ta' Jonathan Mulligan u ta' Grace Gatt fejn gew elevati diversi computers, dokumenti, CDs u DVDs u oggetti ohra;

4. F'dawn il-proceduri gie allegat li Grace Gatt u Jonathan Mulligan kienu tqbaddu bhala private investigators minn *Omissis* oht *Omissis* li kien jinsab il-habs fejn tqabbdu sabiex ifittxu l-verita stante li *Omissis* kien cert li ma ghamilx dawk l-affarijiet mat-tifla u riedet isssir taf il-verita, x'setgha gara;

5. Gie allegat ukoll li Grace Gatt kienet anke marret fir-residenza fejn tirrisjedi l-minuri allegatament abbuzata u cioe' *Omissis* u dan billi pretendiet li kienet rapprezentanta tal-Awtorita' tad-Djar;

6. Stante li l-appellanta Grace Gatt ma kellix licenzja sabiex tagixxi bhala gwardan privat u ghalhekk biex taghti servizz ta' investigazzjoni privata, inhargu l-imputazzjonijiet in kwistjoni fil-konfront tal-appellanta;

7. L-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet u illiberata mill-kumplament tal-imputazzjonijiet.

8. L-appellanta appellat mill-htija misjuba.

Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanta tissottometti dwar l-akkuza li ghamlitha ta' gwardjan privat li l-Ewwel Qorti qalet li kienet se timxi fedelment mas-sentenza vs Johnathan Mulligan tat- 2 ta' Novembru 2012 u li dan ma kienx fil-fatt. Skont l-appellanta f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Magistrati kienet qalet li ma kien hemm l-ebda attivita' ta' investigazzjoni fl-operat tal-affidavits. Issottomettiet li allahares kien hekk ghax meta *Commissioner for Oaths* jibda' jaqdi dmiru jkun irid licenzja extra

minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Tghid li l-aktar punt importanti huwa li l-artikolu 5 tal-Kapitolu 389 jimponi l-obbligu fuq min ihaddem u mhux fuq min jahdem. Mhux kull impjegat tal-agenzija ta' investigazzjoni privata ghandu bzonn licenzja imma dak li l-employer jibghat biex jaghmel xoghol ta' gwardjan privat. Li Jonathan Mulligan jew kull employer iehor seta' jinstab hati izda mhux kull impjegat. Tistaqsi jekk driver tal-private detective jrid il-licenzja mhux tas-sewqan imma ta' gwardjan privat. Tghid li l-artikolu 5 huwa car.

Din il-Qorti sejra tibda billi in succint taghmel referenza ghal provi saljenti rigwardanti t-tieni (2) imputazzjoni li taqra '*hdimt bhala agenzija ta' gwardjani privati jew gwardjan privat jew hekk offrejt is-servizzi tieghek minghajr licenzja skond il-ligi;*'

**L-Ispettur Raymond Aquilina** fis-seduta tas- 6 ta' April 2009 spjega li fil-15 ta' Novembru 2007 kien ircieva telefonata minn certu ex pulizija Grace Gatt li qalet li kienet qed titkellem ghan-nom ta' Jonathan Mulligan li huwa private investigator u li ghandu kumpanija li jisimha Malta Personal Services Ltd. Kienet infurmatu wkoll li kellha f'idejha tlett (3) affidavits maghmulin minn certu wiehed *Omissis* minuri ta' 15-il sena, kif wkoll minghand *Omissis* li dak iz-zmien kien ghadu kif ghalaq l-eta' ta' tmintax-il sena u certu *Omissis* ta' sittax-il sena. Kienet ghaddiet in-numri tat-telefon tal-vittmi u Grace Gatt spjegat ukoll li l-informazzjoni li hemm f'dawn l-affidavits jikkoncernaw il-kawza li ghaddejja fl-ismijiet 'Puliizja vs *Omissis*' fejn iz-zewg minuri *Omissis* u *Omissis* allegaw li kienu huma li baghbsu lil *Omissis*, minuri ta' disa' (9) snin u ma kienx *Omissis* li kien abbuza minnha sesswalment u cioe' tal-minuri li tigi t-tifla tieghu u li tigi n-neputija ta' *Omissis* u *Omissis* jigi z-ziju taghha.

Huwa ta' spjegazzjoni ta' dak li segwa fosthom meta certu *Omissis* marret l-ghassa ta' Hal Qormi tirraporta abbuz sesswali ta' stupru maghmul fuqha minn certu wiehed *Omissis*. Sussegwentement, jassisti lil *Omissis* u lil ommha fl-ghassa ta' Haz-Zebbug kien hemm Jonathan Mulligan u ghadda wkoll l-affidavit lill-Ispettur Jesmond J Borg rigwardanti *Omissis*. Omm il-minuri irrinunzjat li tkompli bl-azzjoni taghha. L-affidavit kien ittiehed minn omm *Omissis* u kien inzamm ghandha u ma riditx tghaddieh la lil Pulizija u lanqas lura lil Jonathan Mulligan li huwa il-private investigator imqabbad minnha. L-Ispettur Jesmond Borg infurmah b'dan l-izvilupp.

Johnathan Mulligan kien ghadda z-zewg affidavits ta' *Omissis* u *Omissis* lill-Ispettur Jesmond J Borg ta' Haz Zebbug biex dan sussegwentement jghaddihom lilu. L-Ispettur xehed ukoll dwar artikli li dehri fuq gazzetti.

Dwar *Omissis* spjega li kien irilaxxa 4 stqarrijiet fejn kien qed jilghab bil-verzjoni tieghu. Xehed li kien l-ewwel qal li l-affidavit ma ghamlux hu, dak il-kontenut mhux tieghu u li l-wording fl-affidavit mhux tieghu. Sussegwentement meta rega kelmu qal li baghbas lil *Omissis* diversi drabi, abbuzaha sesswalment u ghamel zmien jabbuza u jesperimenta fid-droga u beda jiehu l-ecstasy u meta abbuza mit-tifla ta' huha, *Omissis* kien taht l-influwenza ta' din is-sustanza illecita. Irrilaxxa stqarrija li kien baqa jippersisti li abbuza minn *Omissis* f'zewg okkazzjonijiet biss. Dawn l-erba' stqarrijiet mhumiex esebiti in atti.

L-Ispettur kien kellem lil *Omissis* li qal li l-affidavit li ghamel mhux il-kliem tieghu u li baqa jsosni li *Omissis* li kien qed jirreferi ghalih bhala huh, imma effettivament jigi hu ommu, li kien qieghed il-habs ghal xejn ghax hu kien li abbuza minn *Omissis*. Hadlu zewg stqarrijiet. Kellmu ukoll quddiem ommu, *Omissis* u baqa jinsisti li dak miktub fl-affidavit ma kienx diskors tieghu u kien qal li kienet anke ttiehditlu il-verzjoni tieghu gewwa l-ufficju ta' Grace Gatt gewwa n-Naxxar u gie recorded waqt li kienet qed tittiehed il-verzjoni tieghu. *Omissis* ukoll ikkonferma li kellu jitla n-Naxxar, hadu Jonathan Mulligan ghand Grace Gatt u prezenti waqt li tttiehdet dik il-verzjoni tieghu recorded kien hemm l-Avukata ta' *Omissis* li kienet qed tassistieh fil-kawza Dr Juliette Galea.

Spjega li '*kont kellimt ukoll lil Omissis li tigi omm Omissis u kienet spjegatli li hi keinet giet imqabbda minn huha Omissis li dak iz-zmien kien ghadu l-habs taht arrest preventiv li kien taha struzzjonijiet biex tqabbad private investigator u jinvestiga l-kaz taghha min-naha tal-private investigator. Kienet qalet ukoll li kienet tkellmet kemm ma Jonathan Mulligan fuq dan il-kaz fejn qabbdithom biex jaghmlulha xoghol investigattivu kif wkoll anke kienet Grace Gatt li marret kemm fir-residenza taghhom u kif wkoll anke tkellmet maghha. Ikkonfermatli wkoll li kienet hadet lil binha Omissis gewwa l-ufficini ta' Grace Gatt u meta Omissis kien qed jigi recorded, waqt ir-recording, f'certu mument, hi kienet giet mitluba tohrog 'l barra minn go l-ufficcju u sussegwentement baqa' jigi recorded minn Grace Gatt kif wkoll l-avukata li qed*

*tiddefendi lil Omissis. Kienet qalet ukoll li ghal dan ix-xoghol kienet hallset lil Grace Gatt u jekk minix sejjer zball is-somma kienet ta' LM 750.'* Huwa kien talab lil Magistrat tal-Ghassa biex jinhareg mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Grace Gatt u Jonathan Mulligan. Xehed li gew elevati diversi computers, dokumenti u kull haga relatata, CDs u DVDs u kull haga relatata ma investigazzjoni privata. Is-CDs u DVDs kienu nghataw lic-Cyber Crime Unit minn naha tal-Pulizija biex isiru l-analizi fuq dawn il-computers u CDs u DVDs.

Xehed dwar dak li stqar Jonathan Mulligan f'zewg stqarrijiet. Stante li dawn mhumiex inseriti fl-atti, din il-Qorti mhijiex sejra taghmel referenza ghalihom. Spjega li l-Pulizija kellha bizzejjed provi biex tmexxi kawza kriminali kontra *Omissis* fejn dan gie akkuzat li fiz-zewg okkazzjonijiet kien abbuza minn *Omissis* u kien gie mressaq b'arrest quddiem il-Magistrat Anthony Vella u sussegwentement kien gie misjub hati ghax ammetta ghall-akkuzi fil-konfront tieghu ta' dawk l-istanzi li kien abbuza minn *Omissis*. Xehed li proceduri ohra rigwardanti *Omissis* ghadhom pendenti. Huwa prezenta numru ta' provi.

Fl-istqarrija rilaxxata fid- 29 ta' Novembru 2007 minn Grace Gatt, liema stqarrija tinsab immarkata bhala Dok 1 a fol 21 et sequitur fejn kif kellha dritt li taghmel ghazlet li ma twegibx ghal maggoranza tad-domandi maghmulha lilha.

**L-Ispettur Jesmond J Borg** xehed fis-seduta tat- 18 ta' Mejju 2009 fejn spjega li nhar is-16 ta' Novembru 2007 ghal habta tal-4:00pm kien infurmat mill-pulizija tal-Ghassa ta' Hal Qormi illi kien hemm tfajla ta' sittax -il sena flimkien ma' ommha li riedet taghmel rapport dwar abbuz sesswali. Huwa qalihom biex jibghatuha mill-ewwel fl-ufficju Haz-Zebbug. *Omissis* ta' sittax-il sena flimkien ma' ommha *Omissis* u certu Jonathan Mulligan baqghu telghin l-Ghassa ta' Haz-Zebbug fl-ufficju tieghu. Staqsa lil Jonathan Mulligan x'ghandu x'jaqsam u x'jigi mill-familja u wiegeb li habib kbir tal-familja u li kellu hafna informazzjoni x'jghaddilu. L-Ispettur qallu li t-tifla flimkien ma ommha kienu bizzejjed fl-ufficju u li ma kienx lest li jiehu r-rapport fil-prezenza tieghu. Spjega kif *Omissis* qaltlu li kienet abbuzata sesswalment minghand certu *Omissis* li kellu 18-il sena, li mar maghha kontra l-volonta taghha, kien izommha u kien iwettaq atti sesswali maghha kontra l-volonta taghha. L-affarijiet

ma bdewx idoqqulu ghax bdiet il-hin kollu tahseb x'ser tghid mhux b'mod spontanju. Qaltlu li l-pulizija kienu qed jinvestigaw lil *Omissis* minhabba li kien involut f'rapporti sesswali ma certu *Omissis* jekk mhux sejjer zball kellha seba' (7) snin. Qalet li kien hemm l-Ispettur Raymond Aquilina li kien ha passi kontra missier *Omissis* li jismu *Omissis* u qaltlu li fil-verita ma kienx *Omissis* li abbuza mit-tifla imma kien *Omissis*. Huwa taghha l-caution u fehma li jekk r-rapport jirrizulta falz, jistghu jittiehdu proceduri kontra taghha. Xehed li t-tifla thawwdet u bdiet '*tibbekkja lura*'. Spjega li '*F'daqqa wahda Omissis qisha apparti li bbekkjat mir-rapport ta' abbuz sesswali li kienet qed taghmilli, qaltli li mhux darba u tnejn kellha relazzjoni flimkien ma Omissis pero r-relazzjoni li kellhom bejniethom kienet bil-kunsens taghha.*' Qaltlu li gieli sawwatha pero ma kienx minnu li hu abbuza minnha kontra l-volonta' taghha. Meta staqsiha Jonathan Mulligan x'kien jigi minnhom qalet li ma kien jigi xejn, l-Ispettur ikkonfrontaha ghax Mulligan kien qal li dan hu habib kbir tal-familja. Qalet li ma tafux, li kull ma taf li hu private investigator u kien qabbdu *Omissis* li jigi hu *Omissis*. Ikkonfermat li Jonathan Mulligan gie imqabbad minn *Omissis* biex jaghmel dan it-tip ta' rapport u qaltlu anke affidavit ghamlu kontra *Omissis* '*prattikament to cover lil Omissis.*' Qalet li l-affidavit ghamlitu meta kienu ghadhom kemm iggieldu bl-ikrah hi u *Omissis*, giet imgeghla u ma tkelmitx. Urietu l-affidavit izda hatfita lura u nnegat dak li kitbet fl-affidavit. Spjega li minn rapport ta' abbuz sesswali u rape spicca rapport ta' feriti hfief. Spjega kif Jonathan Mulligan beda jghid li t-tifla giet abbuzata minn *Omissis* mhux minn *Omissis*. Tah affidavits ohra pero kif kien ser jipprezenta l-affidavit ta' *Omissis* gibduh lura biex ma jipprezentawhx ghax ma riditx tidhol fiha. Mulligan baqa jinsisti li r-rapport irid jiehdu ghax kellu dritt jinfurmah b'dak it-tip ta' rapport u l-Ispettur qallu li r-rapport jiehdu minghand il-vittma u mhux minghandu.

**WPS 209 Rachel Caruana** fis-seduta tat- 18 ta' Mejju 2009 xehdet li fis- 27 ta' Novembru 2017 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Raymond Aqulina, hi flimkien ma WPC 238 marru gewwa residenza ta' certu Grace Gatt li toqghod 'Oriana' Triq Leli Falzon Naxxar fejn fuq l-istess struzzjonijiet, l-Ispettur Aquilina qalilhom biex jelevaw kull oggett li seta' kien relatat ma' private investigation u l-kaz ta' *Omissis* u *Omissis*. Kellhom mandat t'arrest u tfittxija verbalment. Marru gewwa din ir-residenza fejn kien hemm prezenti Grace Gatt u gew elevati computer tower, zewg laptops, digital camera u xi karti relatati ma dan il-kaz ta' *Omissis*. Saret ukoll

tfittxija fil-vettura ta' Grace Gatt u ma nsab xejn u fid-29 ta' Novembru 2007 kienet prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija ta' Grace Gatt. WPC 238 Monica Bartolo fis-seduta tat- 18 ta' Mejju 2009 xehdet li fis- 27 ta' Novembru 2007 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Raymond Aquilina flimkien ma WPC 209 fuq mandat moghti mill-Qorti verbalment, kellhom mandat ta' tfittxija u arrest ta' Grace Gatt u marru in-Naxxar gewwa 'Oriana' Triq Leli Falzon Naxxar u gabru PC u zewg laptops u video digital camera u xi karti relatati ma private investigation fuq kaz ta' *Omissis* u *Omissis*. Ghamlu search wkoll fil-karozza ta' Grace bin-numru tar-registrazzjoni HPC 653 u ma sabu xejn fil-karozza. Imbaghad wara gabu lil Grace id-Depot. Dwar dokument 4 a fol 26 qalet li hija ricevuta tal-oggetti li elevat u gharfet il-firma taghha u tas-surgent u l-imputata.

**Carmen Azzopadi** fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2009 xehdet li tiehu hsieb is-sezzjoni legali tal-Awtorita' tad-Djar fejn xehdet li Grace Gatt qatt ma kienet impjegata mal-Awtorita' tad-Djar.

Il-Maggur 24 Josephine Gauci fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2009 xehed li '*Xi sentejn ilu, id-data ma niftakarx ezatti, l-Ispettur Raymond Aquilina baghat lili flimkien ma WPC 25 Charlene Camilleri dak iz-zmien u bghatni ghan certu Omissis l-Marsa fejn din spjegat li kienet marret ghandha Grace Gatt u qaltilha li tahdem ma' l-awtorita' tad-djar. Halliet dan id-dokument warajha u bdiet tiehu xi ritratti tad-dar, qaltilha li ghax inti ghandek id-dar zghira u ghandha hamest itfal. Qaltilha li trid kamra tal-banju.*' Bdiet tehdilha b'xi camera ghax hi ma tafx jekk hux video jew ritratt, bdiet tiehdilha ritratti ta' kull kamra u warajha halliet applikazzjoni tal-Awtorita' tad-Djar esebita bhala Dok 16 a fol 78 et sequitur. Ma qaltiliex minn liema sezzjoni tal-awtorita tad-djar, qaltilha li hi impjegata mal-awtorita tad-djar u marret hemm hekk biex tirrangalha d-dar u l-kamra tal-banju.

**PS 1229 Antoine Cilia** fis-seduta tat- 2 ta' Lulju 2009 xehed li ghal habta tal-ahhar ta' Novembru, 2007 l-Ispettur Aquilina infurmah, qabel kellhom kaz li kien jinvolvi lil certu *Omissis* minuri li kienet giet abbuzata minn missierha fejn kien qal li kienet cemplitlu certu Grace Gatt ghan-nom ta' certu Jonathan Mulligan li kien hemm tnejn min nies, certu *Omissis* u *Omissis* li kienu rrilaxxjaw affidavits fejn kienu qed jiehdu

l-kolpa tar-reat fuq *Omissis* huma minflok *Omissis*. Kienu gabu l-affidavits minghand l-Ispettur Jesmond Borg li dak iz-zmien kien stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug u wara li rawhom kienu baghtu ghal *Omissis* u *Omissis*. *Omissis* baqa jinsisti li kien verament miss lil *Omissis* izda *Omissis* kien semma li kien gie mghejun minn certu Grace Gatt biex jaghmel dan l-affidavit fejn fil-fatt hu ma kienx miss lit-tifla, biss lilu kienu qalulu li peress li kien ghadu zghir, hu ma kienx se jehel piena ta' habs. Kien ghamel dan l-affidavit biex jiskolpa lil zijuh *Omissis* u johrog mill-habs. L-Ispettur kien baghtu biex jarresta lil Jonathan Mulligan u kien ghamel search fis-27 ta' Novembru 2007. Is-Sur Mulligan kien ghaddielu bagalja b'diversi DVDs u CDs go fiha. Ghaddewhom lis-Cyber Crime Unit u kienu talbuhom kopja ta' xi uhud minnhom. Wiehed minnhom jidher *Omissis* qed jirrilaxxja stqarrija li ghalkemm ma tidhirx jghid li hija Grace Gatt ghax gharafha mill-vuci u l-iehor hija meta s-Sinjura Grace Gatt kienet dahlet gewwa r-residenza ta' omm *Omissis* fejn kienet qed taghmiilha ta' rapprezentant tal-Awtorita' fejn weghditha li ser tirrangalha l-kamra tal-banju u bdiet tkellimha wkoll fuq il-kaz. Kellmet lil omm *Omissis* u lit-tfal li kien hemm. *Omissis* kienet fosthom.

Fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2009 gew prezentati l-affidavits ta' *Omissis* u *Omissis*. Dawn jinsabu a fol 103 et sequitur u 105 et sequitur.

**Martin Bajada** fis-seduta tat- 30 ta' Novembru 2009 fejn spjega li fuq inkarigu tal-Qorti kien gie awtorizzat biex jirtira cellulari u minn fuqu johrog l-informazzjoni kollha li tinsab go fih. Esebixxa r-relazzjoni tieghu u rritorna c-cellulari u ghadda kopja lil partijiet. Din ir-relazzjoni giet immarkata bhala dokument numru 19.

**Dr Martin Bajada** rega xehed fit- 13 ta' Gunju 2012 fejn esebixxa bhala dokument numru hamsa u ghoxrin (25) ir-relazzjoni tieghu li tirrigwarda vera kopja tad-dokumenti kolha li hu esebixxa fil-kawza diversament preseduta 'Il-Pulizija vs *Omissis*' fejn fiha kien gie mitlub biex jirkupra minn fuq numru ta' CD's li kienu bil-hsara, l-informazzjoni li kien hemm fuqhom.

***Omissis*** xehed fis-seduta tat- 23 ta' Lulju 2014 fejn gharaf lil Grace Gatt u spjega li '*Dik, iltqajt l-ewwel darba iltqajt ma' John Mulligan u bdejt inkellmu fuq il-kaz tieghi u hekk.*

*Iltqajna igifieri fil-ground tan-Naxxar imbagahd John Mulligan kien qalli biex inkellem fuq il-kaz u hekk, qalli trid inlaqqek ma' persuna tifhem aktar minni? imbaghad ghedtlu iva, bdejt nitkellem maghha u hekk, dik hi'*. Il-kaz tieghu kien li '*kont babast lit-tifla u hekk*'. Jonathan Mulligan kien jahdem ma' Grace. Iltaqa maghha fit-trade fair ground tan-Naxxar u tkellem maghha u staqsietu jekk lest li jaghmel affidavit li jistqarr li ghamel dan il-kaz u qalilha iva. Imbaghad marru ghand in-nutara, ghamlu l-affidavit u staqsietu jafx li jistghu jinfethu proceduri kontrih il-Qorti u qalilha li iva jaf u nfetah il-kaz il-Qorti. Mistoqsi kif spicca iltaqa' ma Jonathan Mulligan, wiegeb li ommu *Omissis* kienet qabdet private investigator biex issir taf il-verita habba l-kaz ta' huh li jismu *Omissis* u qabdet lil Grace Gatt bhala private investigator. Mistoqsi '*Igifieri qed nifhmu tajjeb li Grace Gatt kienet il-private investigator li investigat dak li ghamilt inti?*' wiegeb '*Mhux ezatt. Ghax ommi qabditha habba l-kaz ta' hija*'. In kontro-ezami ikkonferma li ommu qaltlu li Jonathan Mulligan private investigator imbaghad laqghu ma' Grace biex tkelmu. Hu tkellem ma' Grace u ghamel affidavit. Ikkonferma li fil-kaz tieghu u fil-kumpilazzjoni ta' *Omissis* u meta xehed fil-guri dejjem l-istess haga qal u ma ha ebda gurament falz.

**Brian Avellino** fis-seduta tat- 13 ta' Lulju 2010 prezenta lir-Registratur tal-Qorti u esebixxa bhala dokument numru 20 affidavit ta' *Omissis* li tinsab a fol 138 et sequitur u bhala dokument numru 21 relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco. Xehed li dawn iz-zewg dokumenti gew elevati mill-kawza il-Pulizija Spettur Raymond Aquilina kontra Jonathan Mulligan. Affidavit ta' *Omissis* tinsab a fol 140 et sequitur.

***Omissis*** xehdet fis-seduta tal- 5 ta' April 2011 fejn spjegat li kellha lil huha *Omissis* il-habs u *Omissis* cert li ma ghamilx dawn l-affarijiet lit-tifla tieghu. Spjegat li '*jiena ridt insib il-verita' x'setgha gara u qabbadt lil certu nies.*' Qabdet private investigator u cioe' lil Jonathan Mulligan u mbaghad kellem lil Darren u *Omissis*. Hi qabdet ukoll lil Grace prezenti fl-awla. Spjegat li '*niftakar gie Omissis, hija Omissis u bdew jitkellmu ma' Jonathan u hekk u mbaghad Jonathan qalilhom jekk dak li qed jghidu hux il-verita' u jekk jixtiequx jaghmluh fuq affidavit quddiem in-nutara u Omissis u Omissis qalu iva.*' Prezenti kien hemm Jonathan qed jitkellem in-Naxxar it-Trade Fair Grounds mhux f'ufficju, l-ufficju n-Naxxar forsi marru xi darbtejn umbghad marru ghand in-nutara *Omissis* u

*Omissis* u hi marret maghhom. Jonathan qalilhom imorru ghand in-nutara. Meta dahal *Omissis* jitkellem man-nutara kienu Jonathan u *Omissis* u meta dahlet hi u *Omissis*, kien hemm in-Nutara u anke Grace Gatt li ma tkelmitx, kemm tisma'. In-Nutara Hal-Qormi jisimha Arapa. Kien hemm laqgha fejn kien hemm prezenti l-Avukat ta' *Omissis* Juliette Galea fejn kien hemm *Omissis* u *Omissis* izda meta *Omissis* beda jghid certu affarijiet sesswali, *Omissis* staha jitkellem quddiemha u harget. Kien hemm Grace u Juliette. It-tifel kellu 14 jew 15. Kienet giet marfa x'gara dik il-gurnata meta kien hemm Grace Gatt u Juliette Galea fl-ufficju. *Omissis* u *Omissis* bdew jghidu lil Grace u lil Juliette x'ghamlu lit-tifla ta' huha u irrekordjawhom u sussegwentement marru biex jaghmlu l-affidavit. L-affidavits umbaghad gew ghand il-pulizija. Mistoqsi kemm swieta li qabdet lil private investigator Jonathan Mulligen u Grace Gatt qalet li xi LM 700 u halset lil Grace u nghatat ircevuta ta' dan.

**WPC 6 Maureen Tarfield** fis-seduta tat- 18 ta' Mejju 2009 xehdet li giet mitluba biex taghmel ricerka fuq il-persuna ta' Grace Gatt u qalet li licenzji ma nhargux sa dak in-nhar. Spjegat li kienet applikat fid-19 ta' Gunju 2007 pero kienet giet rifjutata minn naha tal-Kummissarju. L-applikazzjoni kienet ta' security, private guard. Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ohra.

**PS 443 Vincent Mifsud** stazzjonat l-ufficju tal-licenzji, Police HQ xehed fl-4 ta' Novembru 2011 li rigward Jonathan Mulligan, dan kien applika ghal licenzja ta' private guard fi Frar tas-sena 2007 u f'Marzu kienet hargitlu din il-licenzja. Din il-licenzja kienet giet rifjutata f'Mejju 2007 u mbaghad regghet inghatat lura f'Settembru, 2007. Dan baqa' jgeddida pero' l-ahhar li ggeddet f'Marzu 2010. Il-licenzja hija ta' private guard pero' dak ikollu licenzja ta' agenzija u f'wahda mill-klawsoli li jkun hemm li tista' taghmel dan ix-xoghol ta' investigator. Esebixxa lil Qorti bhala dokument numru 22 kopja tal-licenzja ta' Mulligan. Spjega li f'Settembru (2007 is-Sur Mulligan kien ghamel applikazzjoni mal-Pulizija biex jaghmel agenzija ta' private guards li kienet jisimha Malta Personal Security Ltd. Din harget f'Ottubru 2007 u dan ghamel xi zmien ma geddidx u issa fl-14 ta' Settembru 2011 gabilhom dikjarazzjoni li din il-licenzja mhux se tiggeded iktar. Esebixxa l-ahhar licenzja li hallas u d-dikjarazzjoni biex iwaqqaf ukoll. Dawn gew esebiti bhala dokument numru 23.

Rigward Grace Gatt qal li ghamlet applikazzjoni ghal gwardjan privat f'Gunju 2007 pero' din giet rifjutata fit- 2 ta' Awissu 2007 u minn dakinhar ma sabu xejn. Kopja tar-refusal gie esebit u mmarkat bhala dokument numru 24.

Dwar l-agenzija ta' private guard spjega li hemm hdax (11) il-item x'tista taghmel din l-agenzija u skond ma japplikaw wahda minnhom hija din ta' private investigation. Jonathan Mulligan kellu minnha.

**PS 266 Stefan Decelis** xehed fis-seduta tat- 18 ta' Mejju 2009 li fid- (29) ta' Novembru 2007 gew infurmati mill-Ispettur Raymond Aquilina li kien hemm xi apparat biex jigi analizzat mis-Cyber Crime Unit. L-istruzzjonijiet kienu biex jaraw kienx hemm filmati jew ritratti konnessi ma surveillance. Hames (5) computers u sitt (6) DVDs gew analizzat. Fuq il-hard drive ma sabu xejn relevanti pero fuq id-DVDs kien hemm materjal li kienu relevanti ghal kaz. Minn sitt (6) DVDs instabu affarijiet relevanti fuq tnejn (2) minnhom. Spjega li '*fuq DVD minnhom kien hemm persuna li dahlet tiffilmja go dar u qaghdet tispezzjona fond ta' propjeta. Id-DVD l-iehor hija intervista ma ragel li jekk mhux sejjer zball kunjomu Omissis, u minn hemm hekk qed jitkellmu li dam ghaddej ghal 9 minuti u 3 sekondi dan il-filmat.*' Ir-rapport gie esebit bhala dokument numru 15.

**PS266 Stefan Decelis** fl- 4 ta' Novembru 2011 xehed li l-istess CDs li gew mghoddija lill-espert huma l-istess CDs li hadem u analizza fuqhom ix-xhud u cioe' PS266 Stefan Decelis. PS266 Stefan Decelis rega xehed fis-seduta tal- 4 ta' Novembru 2014 xehed li fid-29 ta' Novembru 2007 l-Ispettur Raymond Aquilina kien talab l-assistenza tas-cyber crime unit fejn infurmah illi n-nies tieghu elevaw xi apparat ta' computers li riedu jigu analizzati minnhom. L-Ispettur Aquilina talab lis-cyber crime unit biex jigu investigati u analizati l-apparat kollu ghal jew dokumenti filmati jew ritratti fejn jinvolvi private investigation jew inkella wkoll informazzjoni dwar kaz ta' defilement of minor li kien qed jigi investigat mill-Pulizija dak iz-zmien L-apparat li gie elevat kienu computer make Laptop make HP immarkat bhala MB01, laptop iehor HP immarkat MB02, computer immarkat PC03, computer iehor bhala PC04, laptop iehor immarkat MB05 u sitt DVDs. Dawn l-apparat kien maqsum bejn zewg

persuni ghax l-investigazzjoni li kien jahdem l-Ispettur fuqha kienet tinvolvi zewg minn nies. Equipment li kien immarkat MB01, MB02 u PC03 kienu jghajtu lil Ms Grace Gatt. Filfatt PC04 u MB05 u s-sitt compact discs DVDs kienu jinvolvu l-persuna l-ohra relatata mal-kaz.

Irrizulta li fin-netbook jew laptop imarkat bhala MB01 irrizulta kollox fin-nergattiv, fin-netbook MB02 l-istess irrizulta kollox fin-negattiv, fil-computer li kien immarkat PC03 irrizulta kollox fin-negattiv, fil-computer li kien immarkat bhala PC03 irrizulta illi tfittxija ghal filmati fuq dan il-computer kien wiehed u ghoxrin (21) pero kienu kollha negattivi. Ritratti kien hemm disat'elef mija tnejn u erbghin (9142) li minnhom kien hemm mitejn u hdax (211) kien juru bhala surveillance photography mehudin fuq karozzi, jiffukaw fuq karozzi jew fuq nies. Dawn ma gewx printjati minhabba sensibilita tar-ritratti pero gew ikkupjati fuq DVD u annessi mar-rapport tieghu.

Spjega li gew imfittxija archive files, text files u xml files li rrizultat fin-negattiv, l-excel spreadsheet u pdf files ukoll irrizulta fin-negattiv. Emails irrizulta li kien hemm 87 minnhom kien hemm xi informazzjoni relatat mas-surveilance u dawn l-emails gew extracted ukoll u kkupjati fuq u annessi bhala appendix F. Giet imfittxija wkoll l-attivita li kien hemm fuq l-internet li rrizultat fin-negattiv.

Minn aktar investigazzjonijiet li saret minn naha tal-Ispettur meta kienu elevati n-netbook MB05 u l-PC04 il-computer u wkoll is-sitt DVDs gie rimarkat lill-Ispettur illi s-sitt DVDs ma kienux tat-tieni persuna li qed tigi investigata imma kienu ta' Grace Gatt. Minhabba dawk l-investigazzjonijiet dak ir-rizultat gew analizzati wkoll u rrizulta li d-DVDs kollha gew immarkati bhala CD01, CD02 sa CD06 fejn irrizulta li CD01 u CD02 ma setghux jinqraw jew kienu miktuba hazin inkella jkunu damaged. CD03 jidher li kien hemm film li huwa ta' surveillance fiha. CD04 u CD05 ma setghux jinqraw jew jigu analizzati. CD06 kien hemm filmat iehor ta' surveillance. Bhala informazzjoni dwar il-filmati spjega li fuq CD03 kien hemm sbatax il-file li huma relatat ma' vob files li jintuzaw meta jkun filmat illi jidher illi dan filmat kien hemm interview jew diskussjoni bejn zewg nisa u kien twil 28 minuti u 16 il-sekonda. Il-lista tal-files gew annessi mar-rapport. Fuq CD06 kien hemm erba' vob files li huma l-istess files li jintuzaw ghal filmati li jidher li kien hemm interview bejn

mara u ragel. Ragel jekk jinftiehem sew fil-filmat jismu xi hadd *Omissis* fejn fil-filmat jinstema l-isem izda *Omissis* mhux mija fil-mija cara u dan kien twil 9 minuti u 3 sekondi u gew extracted fil-files kollha u annessi fir-rapport. Huwa prezenta kopja tar-rapport, l-hard disc u d-dvds u l-computer.

**Jonathan Mulligan** xehed fl- 4 ta' Novembru 2014 fejn ikkonferma li fuq dan il-kaz kien tressaq il-Qorti u l-kawza giet deciza. Dwar Grace Gatt qal li kienu fethu kumpanija u kienet tahdem PRO. Il-kumpanija jisimha Malta Personal Services u kienu jaghmlu servizzi sigrieti ta' security investigation. Xehed li kien hemm kaz partikolari fuq abbuz ta' minorenni. Jghid li fl-ahhar induna bil-kaz meta gie arrestat li kienu accettaw kaz ta' minorenni Grace Gatt. Hu kien l-owner tal-kumpanija u kien id-direttur. L-imputata kienet impjegata bhala PRO. Il-kumpanija kellha permess tal-agency biex taghmel security u investigations u kien mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija. Hu kellu l-licenzja. Il-haddiema li impjega mieghu ma jidhirlux li kellha licenzja. Jaf li dwar il-kaz tal-minorenni dawn in-nies marru ghand in-Nutar Arapa u minn hemmhekk waqaf. Ma kienx hemm involviment minnu fil-kaz. Dawn kienu *Omissis*, ommu, il-familja tieghu tal-persuna. Il-kaz kienu qeghdin jinvestigawh bhala kumpanija u bhala direttur ma kienx jaf bih u sar jaf bih wara. Il-persuni indagati kienu *Omissis* u *Omissis*, sar rapport u tressqu l-Qorti. Ma jafx min thallas. Kien hemm Dr Juliette, Grace, hafna nies involtui. Dr. Juliette mhijiex impjegata tal-kumpanija, l-unika impjegata hija Grace. Grace Gatt jidirlu li ma kellix licenzja minghand il-pulizija, jghid li mhux cert. L-ghan tal-investigazzjoni kien li jsir ir-rapport, jghid li ma kienx involut. Kien hemm persuna ohra mressqa il-Qorti *Omissis* u l-ghan kien li huma qalu li kienu huma u mhux *Omissis*. Jigifieri kienu *Omissis* u *Omissis*. Jghid li lill-ahwa *Omissis* ma kellimhomx lanqas lil *Omissis*.

Lin-Nutar Dorianne Arapa gieli kellimha mhux fuq dan il-kaz, huma marru minn jeddhom biex jaghmlu affidavit. Meta sar jaf waqqaf kollox, waqqaf il-licenzja. Meta kien interrogat mill-Pulizija kien ha CDs u kien hemm Grace Gatt god-dar ta' dawn in-nies ta' *Omissis* u *Omissis*. Dahlet biex tara l-atmosfera tad-dar ta' *Omissis* u *Omissis* u l-genituri tieghu. Id-dar kienet ta' *Omissis* u l-mara tieghu u huma kienu joqghodu hemmhekk. Dahlet biex tara l-atmosfera tad-dar milli ra minn fuq ic-CDs. Ic-CDs kienu l-ufficju meta battal l-affarijiet, hadhom kollha d-dar. Qabel ma nvestigawh il-

Pulizija. Il-Pulizija hadu bagalja shiha ta' CDs mhux huma biss u hu qallu dawn ghax kien hemm l-isem fuq ic-CD. Qatt ma kien jaf b'dawn l-azzjonijiet taghha. Fol 44 huwa ktieb tal-ircevuti tal-private investigation mhux tal-kumpanija. Jghid li Dok 7 mhux tieghu u mhux tal-kumpannija. Il-kumpanija kellha l-VAT registration u l-ktieb tal-ircevuti kien ghand Grace Gatt.

In kontro-ezami cahad li oht *Omissis* marret ghandu l-ewwel, cahad li qal li dan mhux kaz ta' private investigation, ahjar tarah Grace Gatt u tkellimhom hi. Lanqas fil-bidu ma dahal u jghid li mir-rapport dahal. In ri-ezami qal li qatt ma mar ghand il-familja *Omissis*, lil *Omissis* kien rikbu fil-karozza, kien jitkellem imma mhux fuq il-kaz, wara r-rapport tal-Pulizija kien kelmu izda mhux fuq is-suggett. Xehed li sakemm gie arrestat mill-Pulizija il-familja *Omissis* ma kienx jafha, li sar jafha meta marru jaghmlu r-rapport huma l-Ghassa Hal Qormi jew Haz-Zebbug *Omissis* u *Omissis* li kienu abbuzaw mit-tfal. Kien mar l-ufficju u kellem lil Grace u lil Dr. Juliette. Oht *Omissis* kienet cemplet lil Grace biex tinvestiga dal-kaz u Grace investigatu f'isem il-kumpanija. Sar jaf wara li ghamlu r-rapport tal-Pulizija. Dwar li Grace Gatt ma kelliex licenzja ta' investigator qal li ma ghamel xejn, kien tard wisq, infethitlu l-kawza u waqqaf kollox. L-Ghassa ta' Haz-Zebbug kien mar *Omissis* jaghmel rapport u kien hemm persuna ohra involuta *Omissis* u Grace Gatt marret il-gynae maghha l-isptar. Baghat ghalih l-Ispettur ghax '*qallhom li kien irrejpjha lil Omissis*'. L-Ispettur Jesmond Borg kien baghat ghalih biex isir jaf ghalxiex ghamlet l-affidavit u kif gie ghandu u affarijiet hekk. Gie ghandu l-affidavit ghax meta battal l-affarijiet kien ta kopja lill-Ispettur Jesmond Borg. Ir-rapport gewwa l-ghassa ta' Haz-Zebbug kien li isawwatha u jabbuza minnha. Kien baghat ghalih u qallu dawn l-affarijiet u tah l-affidavit. Meta battal l-ufficju kienu f'idejh u hadhom. Induna ftit qabel jew ftit wara li ghamlu r-rapport Haz-Zebbug. Meta talbuhomlu tajhomlhom mal-ewwel u wara gie arrestat. Kien hemm xi tlett affidavits kollha f'idu, dak iz-zmien kien jaf bl-investigazzjoni. Kien jaf dwar li in-Nutara Dorianne Arapa li tkellmet ma' *Omissis*, *Omissis* u *Omissis* imma ma kienx hemm. Kien jaf li se jsiru l-affidavits u saru. Sa fejn jaf hu Dr Juliette Galea kienet qed taghti l-pariri legali u tmexxi hi.

Fis-seduta tal-20 ta Novembru 2018 xehed **is-Supretendent Raymond Aquilina** mistoqsi jekk il-persuna li qal li allegatament saret korruzzjoni taghhom meta xehdu, jekk dawn kollha ressaqhom hu u ammettew, gew imwissija u regghu ammettew u hadu s-sentenzi taghhom wiegeb li jekk mhux sejjer zball hemm is-sentenzi relattivi annessi.

Jirrizulta li flimkien ma' nota li tinsab a fol 364 gew prezentati sentenzi fl-ismijiet **'Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) vs Jonathan Mulligan'**[3], **'Pulizija (Spetttur Raymond Aquilina) vs *Omissis*'**[4], **'Il-Pulizija (Sp Raymond Aquilina) vs. Giselle Dalli**[5]**'** u '**Il-Pulizija Spettur Raymond Aquilina vs *Omissis***'[6].

A fol 404 et sequitur tal-atti processwali giet ukoll prezentata is-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. *Omissis***'[7].

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra '*Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, hdimt bhala agenzija ta' gwardjani privati jew gwardjan private jew hekk offrejt is-servizzi tieghek minghajr licenzja skond il-ligi*'.

Il-**Kapitolu 389 tal-Ligijiet** ta' Malta fiz-zmien in kwistjoni kien jiddefinixxi 'servizzi ta' gwardjani privati' bhala:

'*kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorità taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta'persuni, korporata jew le, dwar -*

inkluz:

' *(i)* ***servizzi ta' investigazzjoni privata;***'

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Novembru, 2012
[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar, 2013
[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Novembru, 2012
[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Dicembru, 2007
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Att ta' Akkuza numru: 19/2012)

'*servizzi ta' investigazzjoni privata*' f'dan l-Att hija definita bhala:

'*il-ksib, bejgħ jew provvista lil xi persuna ta' xi tagħrif dwar:*
*(a) l-identità, il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet,reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta'persuni;*
*(b)il-background jew l-antiċedenti ta' xi applikant għal impieg;*
*(ċ) stħarriġ dwar persuni jew proprjetà mitlufa;*
*(d) dannu jew ħsara lil proprjetà;*
*(e) il-prevenzjoni jew il-kxif ta' spjunaġġ industrjali;*'

**L-artikolu 3 tal-Kapitolu 389** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Ebda persuna ma għandha taħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.*'

L-**artikolu 6 (1) tal-Kapitolu 389** tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

'*Kull persuna li tkun trid tikseb liċenza bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat għandha tagħmel applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju.*'

Din il-Qorti tqis li mix-xhieda ta' *Omissis* datata l- 5 ta' April 2011 gie kkonfermat li kienet qabdet lil Jonathan Mulligan u lill-imputata bhala private investigators peress li riedet issir taf il-verita x'setgha gara peress li huha *Omissis* kien il-habs. *Omissis* xehdet li halset lil imputat xi LM700. *Omissis* fix-xhieda tieghu tat- 23 ta' Lulju 2014 ikkonferma li ommu *Omissis* kienet qabdet private investigator biex isir taf il-verita habba l-kaz ta' *Omissis* u qabdet lil Grace Gatt bhala private investigator. In kontro-ezami ikkonferma li ommu qaltlu li Jonathan Mulligan private investigator u li umbghad hu baghtu ghand Grace.

In oltre' fis-CD immarkata '*ITS/CCU/154/2007 Copy of CD03*' fl-envelope immarkat bhala SD3(c) a fol 337 tirrizulta persuna tidhol fir-residenza tas-Sinjura *Omissis* u

tallega li baghtuha tal-Awtorita biex jirrangaw id-dar u filfatt tiehu video tad-dar fejn anke jidhru zewg t'itfal inkluz it-tifla bl-isem *Omissis* u fejn waqt li tkun f'din ir-residenza titfa dubju dwar jekk tali allegazzjonijiet maghmulha fuq il-missier humiex minnhom u ghalhekk tmur biex titkixxef u oltre' tant li anke tiprova tikkoragixxi lil omm biex tahsiba u tirranga mal-missier. Ghalhekk minn dan il-filmat huwa evidenti li kienet hemm biex titkixxef. Jonathan Mulligan fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Novembru 2014 spjega li 'kont hadt cd's u kien hemm Grace Gatt god-dar ta' dawn in-nies. Ta *Omissis* u *Omissis*' spjega li '*dahlet id-dar u qaltilhom li biex tara l-atmosfera tad-dar.*' Mistoqsija '*Dahlet id-dar ta' min?' wiegeb 'Ta' Omissis u Omissis u l-genituri tieghu.*' Umbghad spjega li '*Id-dar kienet ta' Omissis u l-mara tieghu u huma kienu joqghodu hemmhekk.*' Qal li dahlet biex tara l-atmosfera. Ghalhekk jirrizulta li l-appellanta kienet dahlet fir-residenza ta' *Omissis* fejn kienet tirrisjedi martu u tfal, fejn ippuzat bhala mibghuta minn Awtorita' izda meta filfatt dan ma kienx il-kaz, izda kienet hemm sabiex titkixxef.

Fis-CD immarkata 'ITS/CCU/154/2007 Copy of CD06' li tinsab f'envelope immarkat bhala SD3(f) jirrizulta certu *Omissis* fejn qieghed bhal jigi interrogat u mistoqsi dwar dettalji ta'abbuz fuq tifla. Fl-ahhar tal-filmat mistoqsi ghad-data ta' dak in-nhar jghid li huwa t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007). Mir-rapport ta' PS266 Stefan Decelis li jinsab a fol 285 et sequitur immarkat bhala Dok SD jirrizulta li id-CDs inkluz CD03 u CD06 kienu l-proprjeta' tas-Sur Mulligan u cioe' gew elevati minghandu.

**Jonathan Mulligan** fl- 4 ta' Novembru 2014 ikkonferma li kellu kumpanija jisimha Malta Personal Services u fejn Grace Gatt kienet tahdem 'PRO'. Xehed li Grace Gatt kienet accettat kaz dwar abbuz ta' minorreni u ghal bidu tax-xhieda tieghu jaghmel ta' bir-ruhu li ma ghandux idea izda aktar il-quddiem jixhed dwar l-involviment tieghu.

Jirrizulta li fl-envelope immarkat bhala Dok 6 a fol 28 hemm business card ta' Grace Gatt li hija indikta bhala 'Public Relations Officer' ta' Malta Personal Services Ltd. In oltre' l-VAT books misjuba fl-envelope immarkat bhala Dok 7 jghajjtu lil 'Grace Gatt Private Investigation Malta'.

Mill-atti irrizulta pruvat li ghalkemm l-appellanta kienet intavolat applikazzjoni biex tahdem bhala gwardjan privat, din ma gietx accettata. Dan jirrizulta minn Dok 24 a fol 206. Filwaqt li Jonathan Mulligan fiz-zmien in kwistjoni kellu licenzja biex jahdem bhala agenzija ta' gwardan privat u bhala gwardjan privat. Fl-appell taghha, l-appellanta tissottometti li l-artikolu 5 tal-Kapitolu 389 jimponi l-obbligu fuq min ihaddem u mhux fuq min jahdem. Li kull impjegat tal-agenzija ta' investigazzjoni privata ghandu bzonn licenzja imma dak li l-employer jibghat biex jaghmel xoghol ta' gwardjan privat. Ghalhekk tissottometti li f'dan il-kaz Jonathan Mulligan jew kull employer iehor seta' jinstab hati, imma mhux kull impjegat. Tistaqsi jekk driver tal-private detective jrid il-licenzja tas-sewqan imma ta' gwardjan privat.

**L-artikolu 5 tal-Kapitolu 389** jaqra: '*Ebda aġenzija ta' gwardjani privati ma tista' tipprovdi lil xi persuna għal dmirijiet fi, jew li għandhom x'jaqsmu ma', servizzi ta' gwardjani privati kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza bħala gwardjan privat skont id-dispożizzjonijietta' dan l-Att.*'

Dan l-artikolu bl-ebda mod ma jghid li persuni li jahdmu bhala gwardjani privati ma agenzija ta' gwardjani privati ma ghandhomx bzonn licenzja. Anzi jghid il-kontra u cioe' li agenzija ta' gwardjani privati ma tistax tiprovdi persuna biex taghti servizzi ta' gwardjani privati jekk dik il-persuna ma jkollhiex licenzja bhala gwardjan privat. Ghalhekk persuna li tkun impjegata ma' agenzija ta' gwardjani privati biex taghti servizz ta' private investigator jehtieg li jkollha licenzja sabiex taghti tali servizz. Dan jirrizulta car mill-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk kemm l-agenzija ta' investigazzjoni privata kif ukoll l-impjegati li jahdmu bhala investigaturi privati jehtiegu licenzja biex jagixxu bhala tali.

Din il-Qorti tqis li gie ampjament ippruvat li l-appellanta kienet qieghda taghti servizz ta' investigatur privat, tant li hi u Jonathan Mulligan gew imqabda minn *Omissis* wara li *Omissis* giet mitluba minn *Omissis* li kien detenut il-habs sabiex tqabbad investigatur privat. Ghalhekk din il-Qorti tqis li gialadarba l-appellant ma kellix licenzja sabiex tagixxi bhala investigatur privat, ma setghetx tagixxi biex tipprova tikseb informazzjoni fosthom dwar il-verita' wara l-kaz ta' abbuz fuq

minuri. Jirrizulta li l-appellanta mhux biss gwidat lil *Omissis* u lil *Omissis* sabiex jaghmlu affidavits dwar l-agir taghhom izda in oltre' anke marret fir-residenza ta' omm il-minuri li kienet allegatament giet abbuzata fejn ippuzat li ntbaghtet minn Awotrita'. B'rizultat ta' dan hija bdiet tistaqsi ghalfejn ma marrux skola t-tfal u fejn wara li l-omm tkellmet dwar li missier it-tfal jinsab il-habs, l-appellanta bdiet tistaqsi u bdiet bhal donnu titfa dubju dwar jekk l-allegazzjonijiet maghmulha mit-tifla dwar il-missier humiex veritieri u tinkoragixxi lil omm biex tirranga mal-missier. In oltre' staqsiet anke lit-tifla dwar jekk il-missier weggahiex u kif weggaha. Ghalhekk jirrizulta li l-appellanta tat servizz ta' investigatur private u dan skont parti mid-definizzjoni ta' 'servizzi ta' investigazzjoni privata' fil-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe'

'*il-ksib, bejgħ jew provvista lil xi persuna ta' xi tagħrif dwar:*
*(a) l-identità, il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet,reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta'persuni*'.

Minkejja li s-Sinjura *Omissis* baqghet ma telghetx tixhed biex tikkonferma li kienet l-appellanta li marret fir-residenza taghha, l-appellanta ma ressqet l-ebda aggravju dwar dan u ghalhekk tqis li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li kienet l-appellanta li marret f'din ir-residenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) vs Jonathan Mulligan'**[8] il-Qorti kkunsidrat li:

'*Mill-istqarrija rilaxxjata a tempo vergine mill-akkuzat fit-28 ta' Novembru, 2007, jirrizulta illi l-irwol li kellu l-akkuzat f'din l-istorja ma' kienx wiehed investigattiv.*'

Fl-istess sentenza hawn fuq citata gie kkunsidrat li:

'*Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Jonathan Mulligan impjega u ppermetta lil Grace Gatt tagixxi ta' gwardjan privat meta din ma kellhiex licenzja sabiex topera bhala tali. Mill-provi rrizulta*

[88] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Novembru, 2012.

*minghajr ombra ta' dubju li Grace Gatt kienet qed tagixxi ta' private investigator u li kienet qed tagixxi b'dan il-mod bhala impjegata tal-agenzija gestita mill-imputat u li huma kienu qed jaghmlu dan ix-xoghol flimkien. Mill-provi rrizulta ghalhekk li l-imputat provda lil Grace Gatt sabiex taghmel dmirijiet ta' gwardjan privat meta hija ma kellhiex licenzja sabiex topera b'dan il-mod u li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja mahruga lilu.'*

Din il-Qorti tqis li anke li kieku kellha ghal <u>grazzja tal-argument biss</u> taqbel mad-difiza li ma kienx hemm attivita' ta' investigazzjoni fl-operat tal-affidavits, jirrizulta li l-appellanta marret fir-residenza fejn kienet tirrisjedi l-minuri *Omissis* u dan sar biex titkixxef u tifli d-dar u ghalhekk bhala parti mill-attivita' ta' investigazzjoni privata.

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti fejn qablet ma' dak ikkunsidrat fis-sentenza citata fis-sens li Grace Gatt agixxiet bhala gwardjan privat meta din ma kellhiex il-licenzja sabiex topera bhala tali u ghalhekk qieghda tikkonferma l-htija tat-tieni (2) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' (4) imputazzjoni taqra '*Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ezercitajt funzjoni pubblika minghajr ma kellek jedd ghaliha u ezercitajt xi att ta' dik il-funzjoni u cioe ippuzajt bhala rapprezentant ta' l-Awtorita tad-Djar;*'

**Carmen Azzopardi** fis-seduta tat- 18 ta' Mejju 2009 xehdet li tiehu hsieb is-sezzjoni legali tal-Awtorita' tad-Djar fejn xehdet li<u> Grace Gatt qatt ma kienet impjegata mal-Awtorita' tad-Djar</u>.

Il-Maggur 24 Josephine Gauci fis-seduta tat- 2 ta' Lulju 2009 xehed li '*Xi sentejn ilu, id-data ma niftakarx ezatti, l-Ispettur Raymond Aquilina baghat lili flimkien ma WPC 25 Charlene Camilleri dak iz-zmien u bghatni ghan certu Omissis l-Marsa fejn din spjegat li kienet marret ghandha Grace Gatt u qaltilha li tahdem ma' l-awtorita' tad-djar. Halliet dan id-dokument warajha u bdiet tiehu xi ritratti tad-dar, qaltilha li ghax inti ghandek id-dar zghira u ghandha hamest itfal. Qaltilha li trid kamra tal-banju.*' Bdiet tiehdilha b'xi camera ghax hi ma tafx jekk hux video jew ritratt, bdiet tiehdilha ritratti ta' kull kamra u

warajha halliet applikazzjoni tal-Awtorita' tad-Djar esebita bhala Dok 16 a fol 78 et sequitur. Xehdet li ma qaltiliex minn liema sezzjoni tal-awtorita tad-djar, qaltilha li hi impjegata mal-awtorita tad-djar u marret hemm hekk biex tirrangalha d-dar u l-kamra tal-banju. *Omissis* baqghet ma xehditx f'dawn il-proceduri izda l-fatt li l-appellanta marret fir-residenza tal-minuri *Omissis* ma giex ikkontestat. Dak li huwa kkontestat huma l-elementi tar-reat taht l-artikolu 84 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-filmat fic-CD immarkata bhala 'ITS/CCU/154/2007 Copy of CD03' li jinsab fl-envelop immarkat bhala SD3(c) a fol 337 jirrizulta li persuna ippuzat bhala li giet mibghuta mill-Awtorita' responsabbli biex taghmel manutenzjoni u tibdil fid-djar ghalkemm ma jintqalx specifikament li intbaghtet mill-Awtorita' <u>tad-Djar</u> izda fost kliem iehor tistaqsi '*intom kontu ghamiltu xi application ghal-awtorita biex tiehdu xi flus biex tirrangaw il-post?*', din il-persuna tghid ukoll '*le għax baghtuna l-awtorita' biex niccekja, kemm u niehu xi qissien..*' Taghat applikazzjoni u intqal '*wara li timlihom tiehodhom l-Awtorita*'' u kkonfermat li l-Furjana. Ghalhekk ma hemmx dubju li hija kienet qieghda tippoza bhala rapprezentanta tal-Awtorita' tad-Djar stante li halliet anke applikazzjoni li tinsab a fol 78 u mmarkata bhala Dok 16 mahruga mill-Awtorita' tad-Djar.

L-appellanta f'dan l-aggravju dwar l-artikolu 84 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tissottometti li ma kienx hemm xhieda li jghidu x'inhuma l-funzjonijiet ta' ufficjal tal-Housing Authority u taghmel referenza ghall-Kapitolu 261 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' il-Housing Authority Act.

L-**artikolu 84 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull min jieħu f'idejh xi funzjoni pubblika, sew ċivili jew militari, mingħajr ma jkollu jedd għaliha, u jeżerċita xi att ta' dik il-funzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.*'

L-**artikolu 3(1) u (2) tal-Kapitolu 261** tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'*(1)Għandu jkun hemm korp, li jkun magħruf bħala l-Awtorità tad-Djar.*
*(2) L-Awtorità tkun enti morali b'personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull proprjetà jew drittijietgħall-fini tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk it-transazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att.*'

Dan l-artikolu kif emendat dahal fis-sehh fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) permezz tal-Att XXVIII u ghalhekk wara z-zmien mertu tal-imputazzjoni. Biss' pero' jirrizulta li meta giet stabbilita l-Awtorita' tad-Djar permezz tal-Att XV tal-1976 l-artikolu 3(2) kien jaqra li '*L-Awtorita' tkun korp magħqud b'personalita' ġuridika distinta u tkun tista' tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull proprjeta' għall-fini tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk il-ħwejjeg kollha u dawk it-transazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att.*'

Ghalhekk jirrizulta li l-Awtorita' tad-Djar ghandha personalita' guridika distinta.

L-**artikolu 6(5) tal-istess Kapitolu 261** illum jaqra:

'*Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward ta' uffiċjali jew impjegati pubbliċi għandhom japplikaw għall-membri tal-Bord u għall-uffiċjali u impjegati l-oħra kollha tal-Awtorità.*'

Dan is-subartikolu izda dahal fis-sehh wara l-perjodu mertu ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk mhux applikabbli f'dan il-kaz.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm gie ippruvat li l-appellanta aggixxiet bhala impjegata tal-Awtorita' tad-Djar u cioe' li giet mibghuta mill-Awtorita' tad-Djar, ma jirrizultax pruvat li fiz-zmien ta' meta sehh ir-reat, impjegati tal-Awtorita' tad-Djar kellhom funzjoni pubblika tant li l-Awtorita' tad-Djar sa mill-bidu ta' meta dahlet fis-sehh u cioe' mill-Att XV tal-1976 kellha <u>personalita' guridika distinta</u>. Ghalhekk tqis li ma setghax tinstab htija taht l-artikolu 84 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk qieghda tirrevoka l-htija tar-raba' (4) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-hames (5) imputazzjoni taqra '*Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament fil-Kodici Kriminali jew f'xi ligi ohra ghamilt xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega miinn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;*'

L-**artikolu 338(gg) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*minn barra mill-każijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodiċi jew f'liġi oħra, jagħmel xi ħaġa mingħajr liċenza tal-awtorità kompetenti, meta din il-liċenza hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dikil-liġi*'

L-appellanta tissottometti li din l-akkuza hi preskritta bit-trapass ta' tlett xhur. Li bizzejjed wiehed jara l-fatti u d-data taghhom u meta nfetah il-kaz kontra l-appellanta. Jirrizulta li l-imputazzjoni tirrrigwarda '*fix-xahar ta' Novembru 2007 u fix-xhur precedenti*' jirrizulta izda li ic-citazzjoni giet ipprezentata fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009). Ghalhekk l-appellanta hija korretta u cioe' din l-imputazzjoni ta' reat kontravenzjonali hija preskritta stante li l-proceduri kellhom jigu intavolati fi zmien tliet (3) xhur *ai termini* tal-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tirrevoka l-htija ta' din l-imputazzjoni.

B'zieda ma dan, din il-Qorti tqis li jirrizulta li l-Avukat Generali fin-nota tar-Rinviju a fol 259 indika li tista' tinstab htija taht l-artikolu 388(gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma indikax l-artikolu 338(gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din l-imputazzjoni lanqas qatt ma setghet tirrizulta gialadarba l-Avukat Generali ma indikax l-artikolu 338(gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu l-piena, ghalkemm l-appellanta ma ressqitx talba u aggravju ghal mitigazzjoni ta' piena, stante li din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija tat-tieni (2) imputazzjoni izda tirrevoka l-htija tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, sejra tvarja l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

L-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal piena ta' prigunerija ta' hames (5) xhur sospizi ghal sentejn bis-sahha tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500). Din il-Qorti sejra tvarja il-piena inflitta bill tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-appellanta ghal piena ta' hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn bis-sahha tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflokk tikkundanna lill-appellanta ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sejra tikkonferma l-ordni ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma l-htija tat-tieni (2) imputazzjoni, thassar u tirrevoka l-htija tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u filwaqt li tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-appellanta ghal hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minflokk tikkundannaha ghal tlett (3) xhur prigunerija li *ai termini* tal-aritkolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn mil-lum. Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

Il-Qorti spjegat lill-appellanta fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi jekk l-appellanta tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri *Omissis* xi kultant fl-atti indikata bhala *Omissis*, il-Qorti qieghda tordna d-divjet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ta' isem l-istess *Omissis* xi kultant fl-atti indikata bhala *Omissis* u tal-

familjari taghha *Omissis*, *Omissis* xi kultant fl-atti indikata bhala *Omissis*, *Omissis* xi kultant indikat bhala *Omissis* u *Omissis* xi kultant indikat bhala *Omissis* jew *Omissis*. Din il-Qorti tordna ukoll id-divejet tal-pubblikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni l-isem ta' *Omissis* u *Omissis*.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur